# L-GĦARGĦAR:

## is-siġra nazzjonali

*Alfred E Baldacchino*

Siġra li darba kienet komuni ħafna fil-gżejjer Maltin hija l-għargħar. Din kienet tiksi wesgħat kbar f'Birkirkara u l-inħawi ta' madwarha. Hemm inħawi li huma maħsuba li kienu msemmijin għal din is-siġra, bħal San Ġwann ta' l-Għargħar u Ħal-Għargħur, għalkemm hawn minn jgħid li l-Għargħur, kif jixhdu mappi qodma, hu mnissel mill-isem Girgor. Mhux dokumentat li din is-siġra kienet tikber fis-selvaġġ f'Għawdex u lanqas f'Kemmuna, għalkemm illum jinstabu xi siġar żgħar li ġew imħawwla f'dawn iż-żewġ gżejjer mill-bniedem.

L-Għargħar hija siġra mill-familja taċ-ċipress. Din ma tinstabx biss fil-gżejjer Maltin, għax fl-Ewropa tikber f'roqgħa żgħira fix-xlokk ta' Spanja viċin Kartagena, fir-reġjun ta' Mursja, u hija aktar komuni u mifruxa fil-Maghreb, fl-Affrika, bħal fil-Marokk fuq il-kosta ta' l-Atlantiku, fl-Alġerija u f'Tuneż. Mhemmx provi li din is-siġra tikber fil-Libja għalkemm huwa rrappurtat li din tikber hemm ukoll. Hemm indikazzjonijiet li fl-imgħoddi din is-siġra kienet aktar komuni fl-Ewropa u nqerdet għall-kollox ħlief f'dik ir-roqgħa ta' Spanja u fil-gżejjer Maltin. Dan jirriżulta minn numru ta' fossili ta' din is-siġra li nstabu fi Franza.

Fil-gżejjer Maltin illum hija meqjusa bħala siġra rari ħafna u tikber fis-selvaġġ f'xi ħames postijiet, fosthom l-aktar magħrufa huma fil-Maqluba, viċin il-Qrendi fejn hemm xi tliet siġriet, u fl-inħawi tal-Mellieħa, il-Mosta, u fl-Imġiebaħ viċin Selmun. F'uħud minn dawn l-inħawi tikber siġra waħda biss. Oħrajn kienu jikbru f'Wied Filep, li kien fergħa minn Wied il-Għasel. Dawn inqerdu minn barriera tal-qawwi li ħadet il-blat kollu għaż-żrar.

*ritratt: Alfred E Baldacchino*

*Is-siġra ta' l-għargħar fl-ambjent naturali tagħha.* ➤



Hemm għargħar oħra li ġew imħawla mill-bniedem. Fost dawn insibu tnejn fil-ġonna ta' Sant' Anton u oħra fil-ġonna privati tal-President ta' Malta. Huwa maħsub li dawn tkabbru minn żerriegħa li ttieħdet mis-siġar tal-Maqluba. Siġar oħra nsibuhom il-Mall u l-Argotti fil-Furjana, tnejn fil-ġnien San Filep, biswit l-Argotti, tnejn żgħar oħra fil-Ġnien tal-Milorda Sa Maison, tlieta oħra fil-Buskett, daqs nofs tużżana oħra fil-ġonna ta' l-Università f'tal-Qroqq, u waħda l-Marsa.

Is-siġra ta' l-għargħar tħaddar is-sena kollha u tiflaħ għan-nixfa. Hija tikber fil-makkja tal-Mediterran, għalkemm ġieli tikber fi xquq il-blat u f'wesgħat bi blat b'pendil. Din tilħaq għoli ta' madwar 15-il metru, fuq zokk kanella ħamrani, u togħla għall-ponta għalkemm mifruxa fil-baxx. Meta jkunu għadhom qed jifformaw iz-zkuk prinċipali li fuqhom is-siġra ta' l-għargħar tkun mibnija, dawn ikunu mgħottija bil-weraq. Il-weraq ta' din is-siġra huma rqaq bħal tal-koniferi l-oħra u għandhom leħħa fl-ikħal. L-aktar friegħi żgħar ikunu ċatti. Il-weraq ikunu miġbura f'għaqda ta' erba', dawk ta' fuq barra akbar minn l-oħrajn, kollha b'partijiet ma jixtibhux jikbru flimkien fuq il-fergħa, ħlief dak il-weraq żgħir fil-ponta tal-fergħa. Għall-ħabta ta' Novembru u Diċembru, xi minn daqqiet ukoll qabel, jibda jidher il-weraq speċjalizzat. Dan ikun raġel jew mara, iżda t-tnejn li huma jikbru fuq l-istess siġra. Ġo l-weraq speċjalizzat raġel ikun hemm it-trab tad-dakra. Dawn ixeddu t-trab tad-dakra għall-ħabta ta' Settembru sa Diċembru, u b'hekk idakkru l-weraq speċjalizzat mara li minnu jifforma l-frotta li tissejjaħ prinjola. Kull frotta tas-siġra ta' l-għargħar tkun għaliha waħedha fit-tarf tal-ponot tal-fergħa. Din il-frotta forma ta' prinjol żgħir tkun kbira 8 sa 12-il millimetru u tkun iffurmata minn erbat iqxur trijangulari ta' l-injam. Iż-żerriegħa li tkun ġo fiha għandha par ġwienaħ wesgħin, qishom tal-karta, biex ikunu jistgħu jinfirxu mir-riħ bla tbatija.

Mis-siġra ta' l-għargħar toħroġ qisa gomma li bl-Ingliż isejħulha *sandarac gum*. Huwa għalhekk li wieħed mill-ismijiet bl-Ingliż huwa *Sandarac Gum Tree*, għalkemm l-ismijiet l-aktar użati bl-Ingliż huma *Araar Tree* jew *Alerce*. Din il-gomma għandha numru ta' użi fl-industrija. Jingħad ukoll li tintuża kontra t-taħsir tas-snin billi tingħorok fuqhom. Ġieli ntużat ukoll minflok il-Balzmu tal-Kanada fil-tħejjija ta' ħġieġ għall-mikroskopju.

L-injam ta' l-għargħar bl-ingliż jissejjaħ *Citron wood* u għalhekk xi min daqqiet din is-siġra bl-Ingliż tissejjaħ ukoll *Citron Wood Tree*. Il-kelma *citron* ġejja mit-Taljan *Citro* jew aktarx *cedro*. Dan l-injam huwa mfittex ħafna għal xogħol fin fl-

injam. Ir-Rumani kienu jfittxu ħafna dan l-injam biex jużawh bħala materjal għall-bini.

Bħal siġar koniferi oħra, l-għargħar tiflaħ ħafna għan-nixfa, kif ukoll kapaċi tikber qrib ix-xatt għax tiflaħ ukoll għal ammont ta' melħ. Dan jagħmilha siġra adattata ħafna biex biha nħaddru wesgħat b'pendil fil-blat li għandna fil-gżejjer Maltin. Minkejja li l-għargħar tinħaraq malajr, ma tinqeridx malajr għax wara l-ħruq dlonk terġa' ttella' friegħi oħra minn taħt l-art.

Fis-16 ta' Jannar ta' l-1992 l-għargħar ġiet iddikjarata s-siġra nazzjonali. Mill-1993 l-istess siġra hija mħarsa bil-liġi permezz ta' Avviż Legali Numru 49 tal-1993. Din is-siġra hija mniżżla fil-lista tal-Kunsill ta' l-Ewropa ta' pjanti rari, mhedda u endemiċi ta' l-Ewropa. Hija tidher ukoll fil-lista ta' pjanti mhedda ppublikata fl-1998 mill-Għaqda Internazzjonali tal-Ħarsien tan-Natura. Hija wkoll meqjusa bħala siġra mhedda u b'firxa żgħira fil-gżejjer Maltin.

L-għargħar hija siġra li tista' ssebbaħ 'il pajjiżna, kemm bi msaġar li hija tista' tinseġ, kif ukoll bil-preżenza tagħha fl-irħula u l-ibliet tagħna. Hija siġra ferm adattata kemm għall-klima Mediterranja, kif ukoll għal karatteristiċi ta' l-ambjent Malti. Mhix siġra diffiċli biex titnissel u wieħed jieħu gost jinnota li minn mindu din is-siġra ġiet magħżula bħala s-siġra nazzjonali ta' Malta, qed tintuża aktar u titħawwel aktar biex issebbaħ 'il pajjiżna. ○

---

*1. Is-siġra ta' l-għargħar fis-selvaġġ.*
*2. Dehra tas-siġra mill-viċin.*
*3. Il-weraq tas-siġra ta' l-għargħar.*
*4. Il-weraq speċjalizzati nisa.*
*5. Il-weraq speċjalizzati rġiel.*
*6. Il-weraq bil-frott.*
*7. Dehra tal-frott ta' l-għargħar.*
*8. Iż-żerriegħa ta' l-għargħar.*
*9. Iz-zokk tas-siġra.*

*ritratti: Martin Psaila (1& 8)*
*Alfred E Baldacchino (2-7, 9)*



1



2



3



4



5



6



7



8



9

l-ispeċi barranin

- Il-merill, l-għasfur nazzjonali, huwa għasfur li ma jpassix u jgħix fil-gżejjer Maltin is-sena kollha. Għalhekk ngħidulu għasfur ***residenti.***
- Widnet il-Baħar hija pjanta li tikber fil-gżejjer Maltin biss u mkien aktar fid-dinja. Għalhekk tissejjaħ ***endemika.***
- Is-siġra ta' l-għargħar, għalkemm tikber f'pajjiżi oħra fid-dinja, ilha tikber hawn Malta minn qabel ma ġie l-bniedem. Għalhekk tissejjaħ ***indiġena.***
- Jekk speċi ma tkunx ***indiġena***, iżda tkun iddaħħlet minn barra l-pajjiż, tissejjaħ ***eżotika***, jiġifieri speċi li ma tagħmilx parti mill-flora u l-fawna naturali tal-pajjiż. Speċi eżotika hija speċi barranija li tkun daħlet fil-pajjiż minħabba l-attività tal-bniedem, bħal ngħidu aħna, s-siġra tar-riġnu. Speċi barranija tista' tiddaħħal fil-pajjiż apposta, jew b'kumbinazzjoni. Iżda speċi barranin li jkunu daħlu jew iddaħħlu fil-pajjiż aktar minn 500 sena ilu, u llum jikbru fis-selvaġġ waħedhom, bħal ngħidu aħna ż-żebbuġa, jissejħu ***arkeofiti.***
- ***Speċi barranija*** li tidħol fil-pajjiż b'mod naturali, bħal ngħidu aħna, meta żerriegħa tinġarr mill-għasafar, mhix meqjusa bħala ***eżotika*** ***eż. palma tat-tamar***
- ***Speċi barranin***, li jistgħu jkunu kemm pjanti kif ukoll annimali, jistgħu jiddaħħlu f'pajjiż b'numru ta' metodi, apposta jew b'kumbinazzjoni:
  - meta speċi tiddaħħal f'pajjiż fejn qatt ma eżistiet (apposta);
  - meta speċi tiddaħħal f'pajjiż fejn il-popolazzjoni tagħha qiegħda tonqos (apposta);
  - meta speċi tiddaħħal f'pajjiż fejn darba kienet teżisti u ma baqgħetx (apposta);
  - meta speċi barranija tiddaħħal f'pajjiż u taħrab u mingħajr l-għajnuna tal-bniedem tnissel speċi oħrajn bħala u tinfirex fil-pajjiż (b'kumbinazzjoni).
- l-effetti ta' speċi barranin li jidħlu f'pajjiż jistgħu jkunu ħafna:
  - billi jiffertilizzaw l-istess speċi jew speċi oħra u jħarbtu l-popolazzjoni ġenetika li tkun maqtugħa għaliha;
  - jikkompetu ma' l-ispeċi indiġeni kemm għat-territorju kif ukoll għall-ikel jew riżorsi oħra;
  - ikunu predaturi fuq speċi oħra indiġeni;
  - ikunu ta' ħsara ekonomika, u/jew ekoloġika;
  - iġorru mard jew parassiti li jolqtu ħażin lill-ispeċi indiġeni jew agrikoli.
- Jista' jingħad li l-ispeċi barranin jitqiesu forma ta' tniġġiż li kapaċi jirriproduċi. Il-qerda ta' speċi barranija li taħrab u tinfirex fil-pajjiż hija ferm diffiċli, tiġi tiswa ħafna flus u aktarx tibqa' ħaġa impossibbli.

# LISTA TA' SPEĊI LI JISSEMMEW F'DIN IL-ĦARĠA.

| MALTI | XJENTIFIKU | INGLIŻ |
|---|---|---|
| Agave | *Agave* spp. | Century plants |
| Bifra | *Antholyza aethiopica* | African corn-Flag |
| Bajtar tax-Xewk | *Opuntia ficus-barbarica* | Prickly pear |
| Bekkafik | *Sylvia borin* | Garden warbler |
| Bekkafik Aħmar | *Sylvia commuis* | Whitethroat |
| Bjanka ta' l-Irdum | *Cremnophyton lanfrancoi* | Maltese cliff-orache |
| Għasfur tal-Bejt | *Passer hispaniolensis* | Spanish sparrow |
| Kapinera | *Sylvia atricapilla* | Blackcap |
| Karfus il-Ħmir | *Smyrnium olusatrum* | Alexanders |
| Malvizz Iswed | *Turdus merula* | Blackbird |
| Merill | *Monticola solitarius* | Blue rock thrush |
| Palma tat-tamar | *Phoenix dactylifera* | Date Palm |
| Pitirross | *Erithacus rubecula* | Robin |
| Ponsjetta | *Euphorbia pulcherrima* | Ponsettia |
| Riġnu | *Ricinus communis* | Castor oil tree |
| Sempreviva ta' Għawdex | *Helichrysum melitense* | Maltese everlasting |
| Siġra ta' l-Għargħar | *Tetraclinis articulata* | Araar tree/Alerce/ Sandarac gum tree |
| Siġra tal-Ħarrub | *Ceratonia siliqua* | Carob/ Mediterranean locust |
| Siġra tar-Riġnu | *Ricinus communis* | Castor oil tree |
| Siġra taż-Żebbuġ | *Olea europaea* | Olive tree |
| Sturnell | *Sturnus vulgaris* | Starling |
| Swaba' tal-Madonna | *Carpobrotus edulis* | Kaffir fig |
| Vjolin Bajdani | *Phylloscopus bonelli* | Bonelli's warbler |
| Vjolin Ħadrani | *Phylloscopus sibilatrix* | Wood warbler |
| Vjolin Pastard | *Phylloscopus trochilus* | Willow warbler |
| Vjolin ta' l-Artiku | *Phylloscopus borealis* | Arctic warbler |
| Vjolin ta' Pallas | *Phylloscopus proregulus* | Pallas warbler |
| Vjolin ta' Radde | *Phylloscopus schwarzi* | Radde's warbler |
| Vjolin tal-Faxx | *Phylloscopus inornatus* | Yellow-browed warbler |
| Vjolin tax-Xitwa | *Phylloscopus collybita* | Chiffchaff |
| Widna | *Scorpiurus muricatus* | Scorpion-tail vetch |
| Widnet il-Baħar | *Palaeocyanus crassifolia* | Maltese rock-centaury |
| Xuxet San Ġwann | *Carpobrotus edulis* | Kaffir fig |